

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 14/2016****tal-5 ta' Frar 2016****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE
[2017/1297]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1906 tat-22 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 282/2008 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba sabiex jiġu f'kontatt ma' oġġetti tal-ikel⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzeri dwar in-Negozju fi Prodotti Agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Li ġej jizzied mal-punt 56 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 282/2008) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat bi:

- **32015 R 1906:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1906 tat-22 ta' Ottubru 2015 (ĠU L 278, 23.10.2015, p. 11).”

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) 2015/1906 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Frar 2016, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**Il-President*

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 278, 23.10.2015, p. 11.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.